MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2012

Numru. 124/1994

**Il-Pulizija**
**(Spettur Peter Paul Zammit)**
**(Spettur Louise Calleja)**
**vs**
**Olaf Cini**

**Il-Qorti;**

Rat l-atti kollha tal-kompilazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u dan fuq l-imputazzjoni talli filwaqt li kien ghadu fis-sehh z-zwieg legittimu tieghu ma’ Rosalie Cini nee’ Decelis, ghamel zwieg iehor, ma’ Amalia Tzaka fis-7 ta’ Novembru, 1993.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (fol 166 tal-atti) u li biha billi deherlu li tista’ tinstab htija (jew htijiet), a bazi tal-istess kumpilazzjoni, fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub fl-artikolu 5(1) (d) u 196 tal-Kodici Kriminali, baghat lill-istess imputat sabiex jigi gudikat minn

din il-Qorti bhala wahda ta’ Gudikatura Kriminali, fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tal-istess imputat.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni ghal din il-procedura.

Semghet lill-akkuzat minn jeddu kif ukoll ix-xhieda prodotti minnu in esami u kontroesami.

**Ikkunsidrat**

Illi jkun opportun illi, kemm jista’ jkun in succint issir riferenza ghas-segwenti fatti risultanti mill-atti:-

a) Permezz ta’ sentenza moghtija, fid-9 t’April, 1994, mill-istess Qorti kif diversament presjeduta, l-akkuzat kien instab hati tal-akkuza in esami u a bazi tal-artikoli citati kien gie kkundannat ghall-piena ta’ sentejn prigunerija (fol 291 sa fol 325 ibid).

b) Kif jidher fol 327 et seq ibid, l-akkuzat kien interpona appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Din l-Onorabbli Qorti ddecideit illi, ghar-ragunijiet hemm premessi s-sentenza appellata trid tigi dikjarata nulla, irrevokat digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati, kif diversament presjeduta fit-18 ta’ Jannar, 1995 in konnessjoni mal-eccezzjoni sollevata mill-akkuzat dwar in-nullita tal-ewwel zwieg tieghu u dwar l-inkompetenza tal-Qorti u ghalhekk giet milqugha l-istess eccezzjoni sollevata mill-akkuzat dwar l-inkompetenza (ara fol 345 sa fol 349). Inoltre din il-Qorti baghatet l-atti kollha lura lil din il-Qorti sabiex taghti zmien lill-Avukat Generali sabiex jipprocedi quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili ghad-decizjoni dwar il-validita o meno tal-ewwel zwieg tal-akkuzat u sabiex il-Qorti tal-Magistrati tissoprassjedi sakemm jkun hemm decizjoni finali fuq dan il-punt.

c) Fl-1 ta’ Lulju 1997, din il-Qorti tat digriet in ottemperanza tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell u l-atti kollha ntbaghtu lill-Avukat Generali ghall-iskop premess.

d) Fid-19 ta' Jannar, 2005, inghatat is-sentenza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (ara fol 354 u fol 370 et seq ibid), din il-Qorti ddecidiet illi z-zwieg bejn l-akkuzat u Rosalie Cini nee' Decelis (l-ewwel zwieg) kien "...legalment vinkolanti" meta l-istess akkuzat u Amalia Tzaka kienu zzewgu (it-tieni zwieg). Din is-sentenza ma gietx appellata u ghalhekk hi "res judicata" (ara fol 360, fol 367 u fol 368 ibid).

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan l-istadju, din il-Qorti kif presjeduta kompliet tisma' dan il-kaz u hawnhekk jkun opportun li jsir riassunt tal-fatti kif risultanti mill-provi prodotti.

**Ikkunsidrat**

Illi, in linea preliminari u fil-qasir, jidher car li dan il-kaz, trattasi ta' akkuza ta' bigamija fil-konfront tal-akkuzat, cittadin Malti, jidhol fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti u dan a bazi tal-artikolu 5(d) tal-Kodici Kriminali. Dan qed jinghad peress li t-tieni zwieg bejn l-akkuzat u Amalia Tzaka ma giex celebrat f'Malta izda fil-Grecja.

Illi, dan it-tieni zwieg gie celebrat meta l-akkuzat kien gja zzewweg u kien ghadu mizewweg ma' cittadina Maltija, cjoe Rosalie xebba Decelis. Dan il-fatt jirrisulta b'mod lampanti mill-provi prodotti.

**Ikkunsidrat**

Illi l-artikolu 196 tal-istess Kodici jghid u jispekkja li "Min mill-mizzewgin filwaqt li jkun isehh zwieg legittimu jaghmel zwieg iehor...".

Illi dwar l-element tal-ezistenza ta' zwieg legittimu, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili gja ppronunzjat ruhha fuq dan il-punt, billi kif hawn fuq gie diga premess, iz-zwieg bejn l-akkuzat u Rosalie nee Decelis kien wiehed validu u legittimu skont il-ligi.

Illi dwar it-tieni zwieg ma' Amalia Tzaka, dan kif jirrizulta mill-provi gie ccelebrat f'Ateni fil-Grecja, meta kien ghadu jezisti l-ewwel zwieg tieghu u dan wara li l-akkuzat ghamel dak kollu rikjest sabiex jkun jista' jizzewweg bir-rit ortodoss anke billi jibda jhaddan ir-Religjon Ortodossa u dan wara li l-awtoritajiet griegi gew murija u moghtija diversi dokumenti li allegatament kienu juru li l-ewwel zwieg tieghu ma kienx ghadu "in vigore" billi l-akkuzat u Rosalie nee Decelis kienu separati u divorzjati (ara l-ittri a fol 46, fol 47 u fol 48 tal-atti) in rigward liema d-dokumenti jirrizulta li dawn kienu kontraffatti u kienu intenzjonati sabiex juru li l-akkuzat seta' legalment jizzewweg lil Amalia Tzaka fil-Grecja.

Illl, ghalhekk l-akkuzat, permezz tad-dokumenti esebit fl-atti u li kienu ffalsifikati ghall-iskop ta' qerq, irnexxilu jidhol fit-tieni zwieg li hu, b'mod car, bigamu sempliciment, skont l-akkuzat ghall-iskop li jipprotegi l-interessi tieghu finanzjarji u ekonomici tieghu fil-Grecja billi jintrabat fi zwieg mas-socja tieghu.

Illi, meta ghamel dan l-akkuzat ma setax ma jafx anzi kien ben konsapevoli li kien ghadu vinkolat, kif inhu sallum mal-ewwel zwieg tieghu hawn Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi, mill-premess, jidher li mill-provi prodotti, l-prosekuzzjoni pprovat kemm l-element materjali kemm dak intenzjonali li fil-fehma ta' din il-Qorti, hu rikjest, ukoll, fid-delitt ta' bigamija avolja l-artikolu 196 ma jaghmel l-ebda accenn ghall-"mens rea" li f'dan il-kaz ifisser, persuna li tkun ikkommettiet delitt volontarjament u bl-intenzjoni li trid tikkommetti dak li hu projbit mill-ligi kriminali indipendentement mill-motiv li seta' kellu dak li wettqu.

**Ikkunsidrat**

Illi, wara li dawn l-atti gew rinvjati lil din il-Qorti, kif presjeduta, l-akkuzat l-ewwel xtaq jiehu certu linja fid-difiza tieghu kif jidher a fol 377 tal-atti u fl-ahharnett, a fol

425 ibid meta fil-frattemp inghataw diversi differimenti minhabba bidla fid-difensuri tal-istess akkuzat. Hawnhekk kien rega' xehed l-akkuzat (fol 432 et seq ibid) li qal li fl-2008, kien intavola proceduri ghall-annullament taz-zwieg tieghu f'Malta, izda quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku (ara pero dak li xehdet Rosalie Decelis a fol 435 ibid) waqt li sostna li kien gie annullat it-tieni zwieg tieghu fil-Grecja u dan fl-1993.

Filfatt l-annullament o meno tat-tieni zwieg tieghu hu fil-fehma ta' din il-Qorti kif presjeduta, irrilevanti stante li sabiex jigi konsumat dan id-delitt, hu sufficjenti li persuna tivvinkola ruhha bi zwieg iehor validu fl-apparenza waqt li ghadu marbut bl-ewwel zwieg tieghu li gie dikjarat validu u legittimu mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili (ara wkoll fol 446 ibid).

**Ikkunsidrat**

Illi, ghalhekk, a bazi ta' dak premess, l-akkuzat, minghajr ebda dubbju ghandu jinstab hati tal-istess akkuza.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti issib lill-akkuzat hati talli filwaqt li kien ghadu fis-sehh z-zwieg legittimu tieghu ma' Rosalie Cini nee' Decelis, ghamel zwieg iehor, ma' Amalia Tzaka fis-7 ta' Novembru, 1993 u dan skont l-artikolu 5(1)(d) u 196 tal-Kodici Kriminali. In rigward il-piena, l-Qorti ma tistax tinjora l-gravita' tal-kazijiet bhal dawn li jimmiraw wiehed mis-sisien tas-socjeta', cjoe l-familja. Inoltre l-akkuzat jidher li agixxa b'mod altament malizzjuz fil-konfront ta' terzi persuni kif ukoll uza metodi generalment jintuzaw f'kazijiet ta' truffa jew frodi peremzz tal-"mise en scene" u raggiri li hu uza, l-Qorti tara li l-akkuzat presetement jisthoqqlu piena ta' prigunerija fil-parametri tal-ligi u ghalhekk tikkundannah ghall-dik ta' sentejn u sitt (6) xhur prigunerija mil-liema piena jitnaqqas dak gja skontat taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------